32003R2339

31.12.2003 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 346/29

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2339/2003

## tat-30 ta' Diċembru 2003

## li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3149/92 li jippreskrivi r-regoli dettaljati għall-provvista ta' ikel minn ħażniet ta' intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-iktar nieqsa (foqra) fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 tal-10 ta' Diċembru 1987 li jippreskrivi r-regoli ġenerali għall-provvista ta' ikel mill-ħażniet ta' intervent lill-organizzazzjonijiet nominati sabiex iqassmuhom lill-iktar persuni nieqsa (foqra) fil-Komunità ([1]), u partikolarment lill-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3149/92 ([2]) jippreskrivi regoli dettaljati għal stediniet għall-offerti rigward l-organizzazzjoni ta' provvisti fl-Istati Membri li qed jipparteċipaw fil-miżura tal-Komunità.

(2) Il-prodotti allokati skond il-pjan ta' kull sena, li jridu jiġu rtirati minn ħażniet ta' intervent, jistgħu jiġu pprovduti mhux proċessati, jew aktar spiss proċessati għall-fabbrikazzjoni ta' l-ikel, jew irtirati bi ħlas għall-fabbrikazzjoni ta' ikel mobilizzat fis-suq tal-Komunità. Fil-każ msemmi l-aħħar, il-prodotti f'ħażniet ta' intervent li jistgħu jiġu rtirati bi ħlas għall-fabbrikazzjoni taċ-ċereali u prodotti mill-ħalib għandhom jiġu speċifikati.

(3) Biex iwieġbu b'mod aktar effettiv għall-bżonnijiet ta' organizzazzjonijiet tal-karita u biex jespandu l-firxa ta' prodotti ta' l-ikel provvduti, għandu jiġu preskritt li prodotti minn ħażniet ta' intervent jistgħu jiġu nkorporati fi prodotti oħra għall-għanijiet tal-fabbrikazzjoni ta' l-ikel. Madankollu, f'dawn il-każijiet, għal kull prodott lest, prodotti minn ħażniet ta' intervent iridu jirrappreżentaw mill-inqas 50 % tal-piż nett tal-prodott ta' l-ikel li jrid jiġi provvdut.

(4) Ir-Regolament (KEE) Nru 3149/92 għandu għalhekk jiġi emendat kif misthoqq.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjonijiet tal-Kumitati tat-Tmexxija interessati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE) Nru 3149/92 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:
   (a) fil-paragrafu 2, punt (a):
      (i) dan li ġej jiżdied ma' l-ewwel sottoparagrafu:
      "Il-prodott li jrid jiġi pprovdut għandu jkun jew il-prodott irtirat minn ħażniet ta' intervent f'forma mhux proċessata jew wara l-ippakkjar u/jew l-ipproċessar, jew prodott mobilizzat fis-suq billi jiġi rtirat prodott minn ħażniet ta' intervent bi ħlas għall-provvista.";
      (ii) is-sottoparagrafu li ġej jiddaħħal wara t-tieni sotto-paragrafu:
      "Fil-każ riferit fit-tielet indet tat-tieni sottoparagrafu, fejn provvista tinvolvi ċereali jew prodotti miċ-ċereali, l-istedina għall-offerti għandha tispeċifika li l-prodott li jrid jiġi rtirat huwa ċereali speċifiku miżmum minn aġenzija ta' intervent. Fejn il-provvista tinvolvi l-prodotti mill-ħalib, l-istedina għall-offerti għandha tispeċifika liema prodott, butir jew trab tal-ħalib, irid jiġi rtirat mill-ħażniet miżmuma minn aġenzija ta' intervent skond il-ħażniet miżmuma minn dik l-aġenzija.";
   (b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:
   "2a. Prodotti minn intervent jistgħu jiġu nkorporati jew miżjuda lil prodotti oħra mobilizzati fis-suq għall-fabbrikazzjoni ta' l-ikel li jrid jiġi pprovdut għall-għanijiet ta' implimentazzjoni tal-pjan. F'dawn il-każijiet, prodotti minn ħażniet ta' intervent iridu jirrappreżentaw mill-inqas 50 % tal-piż nett tal-prodott ta' l-ikel li jrid jiġi provvdut.
   Għall-għanijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-ewwel sottopara-grafu, l-istedina għall-offerti għandha tindika b'mod ċar li prodotti minn ħażniet ta' intervent iridu jirrap-preżentaw mill-inqas 50 % tal-piż nett tal-prodott ta' l-ikel li jrid jiġi provvdut.";
2. l-indent li ġej jiżdied ma' l-ewwel sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 9:
   "— l-istediniet għall-offerti huma bi qbil ma' l-Artikolu 4 u l-provvisti huma implimentati bi qbil mad-disposizzjo-nijiet ta' dan ir-Regolament."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 352, tal-15.12.1987, pġ. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2535/95 (ĠU L 260, tal-31.10.1995, pġ. 3).
([2]) ĠU L 313, tat-30.10.1992, pġ. 50. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1921/2002 (ĠU L 293, tad-29.10.2002, pġ. 9).

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*